MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 240/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincienne Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincienne Muscat talli fil-31 ta’ Marzu 2008 ghall-habta tas-2.00 p.m.gewwa l-Ahrax tal-Mellieha, limiti tal-Mellieha:

(1) Hebbet ghal Fiona Zammit u Norbert Muscat u kkagunatilhom feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna taghhom skond kif iccertifika Dr. Joe Scicluna reg: 1777 mill-Mosta Health Centre;

(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Lulju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Vincienne Muscat hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni fejn tirrigwarda Fiona Zammit u ghalhekk illiberatha minnha fejn tirrigwarda lill-istess Fiona Zammit izda sabitha hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni fejn tirrigwarda lil Norbert Muscat u lliberatha taht il-provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin mid-data tas-sentenza appellata, sabitha hatja wkoll tat-tieni imputazzjoni u kkundannatha ghal ammenda ta’ tmienja u hamsin euro (€58), u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lill-imsemmija Vincienne Muscat b’obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) li zzomm il-kwiet ma’ Norbert MNuscat u li zzomm l-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Vincienne Muscat pprezentat fid-29 ta’ Lulju 2008 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet mhux hatja li hebbet u kkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Fiona Zammit, u thassarha fejn instabet hatja li kkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Norbert Muscat u li kisret il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u ghaldaqstant tilliberaha minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellanti bazikament jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Skond l-appellanti hija kienet il-vittma ta’ incident vjolenti minn zewgha u ssubiet diversi offizi ta’ natura hafifa. Difatti kemm zewgha kif ukoll ohtu Fiona Zammit, f’kawza li nstemghet kontestwalment, instabu hatja li hebbew u kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ l-appellanti. Il-grif fuq zewgha kienu biss rizultat tal-fatt li hija ddefendiet lilha nnifisha mill-attakk fuqha li kien ingust, gravi u li ma setax jigi evitat. Skond l-appellanti, il-verzjoni li zewgha ta lill-Pulizija hi wahda mill-aktar inverosimili billi stqarr li kull ma ghamel kien li mbottaha lura meta hi hatfitlu wiccu. Meta gie mistoqsi quddiem l-ewwel Qorti kif kienu kagunati l-pluralita` ta’ griehi li kien hemm fuq il-persuna ta’ l-appellanti, Norbert Muscat hareg b’verzjoni gdida, u cioe` li meta hu mbottaha lura hi waqghet mal-art u hu waqa’ fuqha. Anke l-verzjoni li tat Fiona Zammit kienet inverosimili peress illi tghid li ma tatx daqqiet lill-appellanti izda ppruvat izzommha milli titlaq minn fuq il-post billi ttellaghlha l-*handbrake* tal-vettura u l-appellanti qabdet u saqet u weggghetha bil-vettura taghha – izda Zammit nstabet hatja li kkagunat griehi lill-appellanti u l-appellanti ma nstabitx hatja li kkagunat griehi lil Zammit.
Dwar it-tieni imputazzjoni l-appellanti tghid illi f’ebda hin ma bdiet tghajjat jew tiggieled waqt li sehh l-incident, hlief ghat-twerziq ta’ ugiegh li bidet tghajjat minhabba d-daqqiet li bdiet taqla’; min ikun qieghed jaqla’ tant daqqiet mhux mistenni li se jibqa’ fommu sieket. Barra minn hekk, tkompli l-appelalnti, biex tinstab htija dwar din il-kontravvenzjoni, trid issir il-prova illi bl-ghajjat u glied li jkun gej min-naha tal-perpetratur ta’ dan ir-reat, tkun inholqot biza’ f’terza persuna dwar l-inkolumita` fizika taghha, u f’dan il-kaz la Fiona Zammit u lanqas Norbert Muscat ma jistghu jghidu li sofrew xi biza’ bit-twerziq ta’ l-appellanti waqt li bdew isawwtuha.

Mill-provi li semghet mill-gdid din il-Qorti jirrizulta li l-incident in  kwistjoni kellu l-bidu tieghu f’litigju bejn l-appellanti u zewgha dwar xi ponot ossia gdim tan-nemus li kellha t-tifla taghhom. Norbert Muscat sostna li kienu diga` fuq it-tifla meta hadha *camping* filwaqt illi l-appellanti

nnegat dan. Skond Norbert Muscat dak il-hin lit-tifla qabditha u mbuttatha gol-karozza, hu qallha "it-tifla mhux hekk" u hi hatfitlu n-nuccali u girfitlu wiccu fil-process. Dak il-hin qabadha u spiccaw gol-haxix. Dwar l-offizi li garrbet l-appellanti skond ic-certifikat mediku, Norbert Muscat qal li hu ma qabadx itiha u li ghamel kien li mbuttaha wara li girfitu. Pero` pprova jitfa dubju fuq il-kredibilita` tac-certifkat mediku in kwistjoni. L-appellanti mill-banda l-ohra xehdet li ghall-osservazzjoni – ripetuta – tieghu dwar il-gdim tan-nemus qaltlu biex ma jibzax u taghmlilha s-systral. B'hekk injoratu kif miftehma mal-psikoterapista tieghu, lit-tfal qaltilhom jidhlu fil-karozza u tatu daharha. Qalet li l-fatt li njoratu *"that flipped him off"*, qabdilha idha, dawwarha u b'idha l-leminija beda jaghtiha fuq rasha b'idha stess. Hi awtomatikament harget idha u mbuttatlu wiccu u girfitu ghax difrejha twal. Bil-piz taghha tefaghha fuq akacja, waqa' fuqha u qabadha minn ghonqha. Skond l-appellanti, zewgha beda jheddidha li hemm joqtolha u hi bdiet twerzaq kemm tiflah. Kif hass lin-nies gejjin telaqha. Hi qabdet lit-tfal, tefghethom fil-karozza, dahlet hi wkoll u kif ghalqet il-bieba oht zewgha tatha daqqa ta' harta. Marret taghmel rapport l-ghassa u l-Pulizija baghtuha c-centru tas-sahha tal-Mosta sabiex tigi ezaminata hemm.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-verzjoni li tat l-appellanti hija aktar verosimili minn dik li ta Norbert Muscat. Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi ma ghandha l-ebda raguni biex tiddubita l-kontenut tac-certifikat mediku a fol. 7 u li jirrispekkja dak li sofriet l-appellanti skond ix-xiehda taghha meta giet aggredita mhux biss minn zewgha izda anke minn ohtu. Inoltre kienet skjetta fix-xiehda taghha meta ammettiet li girfet lil zewgha fil-waqt li kienet qed tiddefendi ruhha mill-aggressjoni tieghu. Mill-banda l-ohra kull ma jghid Norbert Muscat hu li lill-appellanti mbuttaha u spiccaw fil-haxix. B'dak li qal fix-xiehda tieghu, Norbert Muscat jidher li qieghed jissuggerixxi li c-certifikat mediku huwa wiehed falz, allegazzjoni li ma tinsab sorretta b'ebda mod. Ghalhekk dan jista' biss jigi interpretat bhala tentattiv fjakk da parti tieghu biex jixhet dubju fuq il-verzjoni ta' martu l-appellanti. Dan it-tentattiv izda jkompli jsahhah il-verzjoni li tat l-appellanti. Sa certu punt ix-xiehda ta' Fiona Zammit (oht Norbert Muscat) ukoll issahhah il-verzjoni ta'

l-appellanti. Fiona Zammit tghid li hekk kif waslet fuq il-post wara li semghet hafna storbju, rat lill-appellanti timmanuvra l-karozza bi speed eccessiv. Jekk l-appellanti kienet sofriet aggressjoni, huwa verosimili li riedet tahrab minn fuq il-post biex tevita kontinwazzjoni ta' incidenti, aktar u aktar meta fuq il-post kien hemm familjari ta' zewgha.

Ghalhekk din il-Qorti temmen illi fil-fatt kienet l-appellanti li giet aggredita l-ewwel, li hija rreagixxiet biex tiddefendi ruhha minn dik l-aggressjoni, u li ma jistax lanqas jinghad li hija eccediet il-limiti tad-difiza legittima. Anzi nonostante li hija ppruvat tiddefendi ruhha, l-incident kompla billi spiccat ma' l-art b'zewgha fuqha jkompli l-aggressjoni tieghu. Mhux ta' b'xejn li, kif ammettiet, hija spiccat twerzaq. U ta' l-istorbju li ghamlet bit-twerziq taghha, zgur ma tistax lanqas tigi kkunsidrata hatja tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara kollox it-twerziq f'dan il-kaz kien anke forma ta' difiza. B'hekk l-appell jimmerita akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi :

Tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha fejn l-appellanti nstabet mhux hatja li hebbet ghal Fiona Zammit u kkagunatilha offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha u giet illiberata minn dik l-imputazzjoni, u tirrevokaha fejn l-appellanti nstabet hatja li fil-31 ta' Marzu 2008 ghall-habta tas-2.00 p.m. gewwa l-Ahrax tal-Mellieha, limiti tal-Mellieha, hebbet ghal Norbert Muscat u kkagunatlu offizi ta' natura hafifa kif ukoll li kisret il-bwon ordni u l-kwiet tal-pubbliku u minflok tiddikjaraha mhux hatja wkoll ta' dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk tilliberaha wkoll mill-imsemmijin imputazzjonijiet u minn kull piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------